VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

8 ta' Awwissu, 2014

ATT Nru. XXIX tal-2014

ATT biex jemenda l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, Kap. 226.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 226.

Sostituzzjoni tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Estensjoni tal-ibħra territorjali.

3. (1) Ħlief kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut, il-wisa' tal-ibħra territorjali ta' Malta ser tkun tnax-il mil nawtiku mkejjel minn linji bażi determinati fuq il-metodu ta' linji bażi dritti miġburin bejn ponot xierqa li jinsabu fl-aktar post bogħod safejn il-baħar jisfa għal kollox, kif imfisser bil-punti ġeografiċi fl-Iskeda.

Kap. 425.

(2) Għall-finijiet tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd u ta' kull liġi oħra li għandha x'taqsam mas-sajd, sew jekk tkun saret qabel jew wara dan l-Att, l-ibħra territorjali ta' Malta għandhom, biex jiġu eżerċitati d-drittijiet sovrani bil-għan li jiġu esplorati u esplojtati, konservati u maniġġati fihom ir-riżorsi naturali li jgħixu u, jew li ma jgħixux, jestendu sa wisa ta ħamsa u għoxrin mil nawtiku 'l barra mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibħra territorjali, u, għall-finijiet ta' dak li ntqal qabel, il-ġurisdizzjoni testendi sa hemmhekk.".

Żjieda ta' Skeda ġdida mal-Att prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 8 tal-Att prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA
(Artikolu 3)

Il-ponot xierqa, magħquda bil-linji bażi dritti, minn fejn il-wisa' tal-ibħra territorjali jiġi mkejjel huma li ġejjin:

	Latitudni	Longitudni
PT. 1	35° 49' 06.9"N	14° 33' 39.2" E
PT. 2	35° 49' 11.4" N	14° 33' 44.1" E
PT. 3	35° 50' 27.0" N	14° 34' 21.9" E
PT. 4	35° 51' 38.3" N	14° 34' 35.2" E
PT. 5	35° 51' 42.4" N	14° 34' 36.0" E
PT. 6	35° 52' 02.5" N	14° 34' 29.9" E
PT. 7	35° 52' 21.0" N	14° 34' 14.3" E
PT. 8	35° 52' 41.9" N	14° 33' 51.2" E
PT. 9	35° 52' 48.3" N	14° 33' 44.0" E
PT. 10	35° 55' 49.7" N	14° 29' 28.8" E
PT. 11	36° 03' 33.6" N	14° 18' 38.4" E
PT. 12	36° 04' 48.3" N	14° 15' 06.8" E
PT. 13	36° 04' 55.4" N	14° 14' 11.5" E
PT. 14	36° 04' 56.5" N	14° 13' 54.0" E
PT. 15	36° 04' 54.7" N	14° 13' 21.4" E
PT. 16	36° 04' 48.6" N	14° 12' 40.3" E
PT. 17	36° 04' 43.7" N	14° 12' 11.9" E
PT. 18	36° 04' 29.6" N	14° 11' 07.7" E
PT. 19	36° 04' 22.5" N	14° 11' 03.6" E

PT. 20	36° 04' 10.9" N	14° 11' 01.6" E
PT. 21	36° 02' 11.7" N	14° 11' 11.2" E
PT. 22	35° 52' 47.3" N	14° 20' 11.1" E
PT. 23	35° 47' 14.9" N	14° 24' 19.0" E
PT. 24	35° 47' 13.4" N	14° 24' 21.2" E
PT. 25	35° 47' 12.6" N	14° 24' 23.6" E
PT. 26	35° 47' 12.6" N	14° 24' 35.2" E
PT. 27	35° 48' 22.8" N	14° 31' 50.0" E
PT. 28	35° 48' 26.9" N	14° 32' 07.4" E

Ponot Bażi jirreferu għal WGS84".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 184 tal-25 ta' Lulju, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati